
Il-Merill

# IL-MERILL

Forsi wieħed jaħseb li l-Merill huwa l-għasfur nazzjonali għaliex jinsab biss hawn Malta. Dan mhux minnu għaliex il-Merill jinsab f'ħafna postijiet barra minn Malta. Fil-fatt hu jinsab fin-naħa t'isfel ta' l-Ewropa f'inħawi li jvarjaw minn muntanji sa widien u rdumijiet ħdejn il-baħar. Il-mappa t'hawn taħt turi l-parti ta' l-Ewropa fejn jinsab il-Merill.

Mela għaliex il-Merill hu l-għasfur nazzjonali? Il-Merill kien qiegħed jonqos ħafna mill-kampanja Maltija għax ħafna nies kienu jiehdu l-frieħ mill-bejtiet biex irabbuhom u jzommuhom fil-gaġeg għall-għana. Ta' min jgħid li l-qbid tal-frieħ mill-bejtiet għall-għana ilu jsir għal aktar minn mitt sena. Charles A. Wright, studjuz u kittieb fuq l-agħsafar ta' Malta, fl-1864 kiteb li l-frieħ tal-Merill jinsterqu mill-bejta biex imbagħad jinbiegħu għall-għana fis-suq tal-Belt. Qal ukoll li l-Maltin li kien ikollhom Merill f'gaġġa kienu jdendlu biċċa ċarruta ħamra mal-gaġġa u jpoggu baħbuħa (bebbuxu sabiħ) ġo fiha biex iżommu l-għajn ħażina 'l bogħod mill-Merill tagħhom. Oħrajn kienu jisparaw fuqu biex jibbalzmawh ghall-kollezjoni jew biex jagħtuh bhala rigal.

Biex il-Merill ikun protett u jiżdied, intgħażel bħala l-Għasfur Nazzjonali u dan għenu ħafna biex żdieċ aktar ir-rispett lejn dan l-għasfur. Dan ma jfissirx li l-Merill biss kien jinqatel u jinqabad. Kien hemm u għad hawn (minkejja li għandna l-ligi) għasafar oħrajn li qegħdin jinqerdu bħall-Barbaġann (*Tyto alba*) u l-Bies (*Falco peregrinus*) li għad baqa' biss xi żewġ pari jbejtu f'Malta w Għawdex. Li kieku stajna konna nagħmlu l-agħsafar kollha bħala għasafar nazzjonali, izda dan ma jistax ikun. Barra minnhekk m'hemmx għalfejn għasfur ikun nazzjonali biex ma jinqatilx. Għalkemm il-Merill huwa l-għasfur nazzjonali ma jfissirx li m'għadx hawn nies li jaqbdu l-frieħ jew joqtluħ għax jgħidu li ħasbuh xi għasfur ieħor. Dan l-aġir ta' min jikkundannah għaliex il-Merill,(bħal kull għasfur ieħor!!!) hu parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna.

M D ENGLAND

Skond ir-regolamenti ta' l-agħsafar il-Merill hu għasfur protett u ħadd ma jista' jieħu , jaqbad, iżomm, jispara fuq u/jew jibbalzma dan l-għasfur.

Hawn Malta wieħed jista' jiltaqa' mal-Merill kemm viċin il-baħar, mal-blat u l-irdumijiet, kif ukoll f'widien u fil-kampanja. Għalkemm hu aktar numeruż madwar il-kosta, fejn għandu protezzjoni naturali minħabba l-inħawi, insibuħ ukoll fil-kampanja 'l bogħod mill-irdumijiet. Ħawnhekk insibuħ ibejjet f'xi swar few f'bini qadim u mitluq. Kif juri ismu, *Monticola solitarius* , il-Merill iħobb iżomm għalih waħdu u għalhekk qatt ma jidher f'numri kbar bħal, ngħidu aħna, l-Isturnell (*Sturnus vulgaris*). Meta r-ragel jagħzel is-sieħba huma jibqgħu flimkien sal-mewt. Rari tarah 'il bogħod minn fejn ikollu l-bejta. Din jibniha f'xi toqba fil-blat,jew f'xi bini qadim, ghal ħabta ta' Marzu. Biex jibnuha jsibu egħruq, zkuk irqaq u ħuxlief. Ġieli jużaw l-istess toqba sena wara l-oħra. Meta jagħmlu hekk, l-agħsafar jirrangaw il-bejta l-qadima u jżidu ftit materjal ieħor.

*Il-Merill iżoqq lill-frieħ fil-bejta.*



M D ENGLAND



M D ENGLAND

*Il-Merill iġorr gremxula biex iżoqq lill-frieħ.*

Meta l-bejta tkun lesta, is-sieħba tbid minn erbgħa sa sitt bajdiet għall-aħħar ta' Marzu. Il-bajd ikun ta' lewn ċelesti b'tikek irqaq kannella fin-naħa l-wiesgħa. Il-mara biss toqgħod fuqhom waqt li r-raġel ikun qrib tal-bejta biex iwissi lis-sieħba meta jkun riesaq xi periklu. Il-bajd idumm minn 13 sa 15-il jum biex ifaqqas. Wara li jfaqqsu, il-frieħ iżoqquhom kemm l-omm kif ukoll il-missier u l-ikel jikkonsisti f'dud, ġurati, bebbux u gremxul żgħir. Il-frieħ iħallu l-bejta wara xi 17-il jum. Meta l-frieħ jitgħallmu jfendu għal rashom, il-missier ikeċċihom 'l bogħod mill-bejta u l-mara terġa tbid għat-tieni u l-aħħar darba għal dik is-sena.

Il-Merill raġel huwa kollu blu griż b'denb u bi ġwienaħ skuri kważi suwed. Il-mara hi kannella b'ħafna tinqix iżjed skuri. Il-Merill raġel hu l-emblema tas-Soċjeta' Ornitoloġika (MOS) li twaqqfet fl-1962. L-għanijiet prinċipali ta' din is-Soċjeta' huma li taħdem għall-ħarsien ta' l-agħsafar kontra l-qbid u qtil bl-addoċċ u li tgħallem lill-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali ż-żgħar. Għan ieħor huwa l-istudju ta' l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom permezz ta' osservazzjoni u l-użu taċ-ċrieket ħfief magħmulin apposta għal dan il-għan.

Fl-1971, il-Merill deher, fuq bolli tal-5d u l-10d, f'sett ta' erba' bolli li juri wkoll il-pjanta nazzjonali, Widnet il-Baħar (Centaurea spathulata) li hija l-emblema tas-Socjeta' għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura (SSCN). Fl-1972 ġie minqux fuq munita tad-deheb ta'£M20.

Dan it-tagħrif fuq il-Merill sar fuq studju li għamlu nies li verament iħobbu l-agħsafar. Nies li jużaw il-ħin liberu tagħhom jistudjaw l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom. Aktar ma nsiru nafu fuq l-agħsafar aktar insiru nħobbuhom. Għalhekk inħeggu lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex biex jaqraw aktar fuq dan is-suġġett.



*L-inħawi fejn jinstab il-Merill*